MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 149/2006

Kawza fil-lista: 68

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Veronica Rossignaud nominati b' digriet tas-16 ta' Mejju 2006 Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi mill-premess jirrizulta illi z-zwieg ikkontrattat bejnil-kontendenti fl-20 ta' Mejju, 2003, huwa null u bla effett u dan minhabba li:

1. Il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

2. Il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementui essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

5. Xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b’ mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

6. Inoltre l-kunsens tar-ragel kien simulat u dan ghal skop ta’ zwieg ta’ konvenjenza.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-fatti tal-kawza ma humiex maghrufa u li f’ dan l-istadju ma kienx possibbli li tittiehed l-informazzjoni mehtiega sabiex it-talba ta’ l-attur tigi kkontestata. Illi ghalhekk l-istess kuraturi deputati qeghdin jirriservaw id-dritt taghhom li jressqu risposta ulterjuri hekk u meta huma jkunu edotti mill-fatti ta’ dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat ma' l-assenti fl-20 ta' Mejju 2003 huwa null fil-ligi stante vizzju tal-kunsens matrimonjali fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g]u[h] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewwget lill-assenti C D E fl-20 ta' Mejju 2003 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin seba xhur. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara ftit xhur il-konjugi sseparaw de facto u nqata' l-kuntatt bejniethom kompletament. Meta telaq l-assenti ha mieghu "l-uniku certifikat taz-zwieg li kellna" [fol.5].

Mill-provi jirrizulta li matul iz-zwieg l-assenti kien jghix minn fuq dahar l-attrici li f' dak iz-zmien kienet tahdem u ghalhekk kienet tmantni liz-zewgt it-tfal taghha [li mhumiex mill-assenti] u lill-istess assenti. Is-sitwazzjoni bejn il-koppja pprecipitat meta l-attrici, ftit xhur wara z-zwieg, indunat li l-assenti kien naqas mill-obbligu tal-fedelta' fil-konfront taghha.

Il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jirrizulta car li l-assenti kien dahal ghal dan iz-zwieg bi skop ta' konvenjenza u li ma kellu l-ebda intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali ma' l-attrici u jaderixxi ghall-obbligu tal-fedelta'. Dan jintegra l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-assenti internament b' att pozittiv tal-volonta' tieghu eskluda l-obbligi matrimonjali fuq imsemmija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gusitifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-20 ta' Mejju 2003. L-ispejjez ikunu a kariku ta' l-assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu provvizorjament imhallsa mill-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------